07 t’ Ottubru 2014

Seduta Nru: 33 - KUNSILL LOKALI GŻIRA

Minuti tal-laqgħa li saret it-Tnejn 15 ta’ Settembru 2014 fil-5.00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali.

**Preżenti:**

Is-Sinjuri:

Roberto Cristiano – Sindku, Joe Galea – Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Vincenza Attard, Joe Camilleri, Charles Micallef St. John, J.M Muscat u Victor Rutter flimkien ma’ l-A/Segretarju Eżekuttiv Hugh Zammit u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużati:**

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fl-10 ta’ Settembru 2014

**TALBA**

Iċ-*Chairman* qal it-talba.

**1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1** Il-minuti tas-Seduta Numru 31 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Iċ-*Chairman* ressaq korrezzjoni f’paġna Nru 2 para 2.1 li wara l-kelma ‘u’ l-frażi għandha titkompla ‘ saret talba formali biex l-impjieg tas-Sinjura Marion Monaco jiġi estiż b’xahar ieħor’.

Paġna Nru: 2 para 2.4 – fit-tielet linja, għandha tiżdied il-kelma 'tagħhom' wara kuntrattur.

Il-minuti kif emendati ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

## 2. Materji Konnessi

**2.1** Paġna nru: 2 para 2.6 – Matul id-diskussjoni li saret dwar residenti li kienu qed jostakulaw bankini bi pjanti u oġġetti simili ġie deċiż li l-Perit tal-Kunsill jiltaqa' mal-Viċi-Sindku biex ssir il-kejl tal-bankini sopracitati
`

**2.2** Paġna Nru: 3 para 2.11 – *Tender GLCT003/2014-Emergency Tender for Pavements & Kerbs* – il-Kunsill ġie nfurmat li l-għada jiġifieri s-16 ta' Settembru 2014 kellha ssir laqgħa mal-Viċi-Sindku, l-Perit tal-Kunsill u l-kuntrattur Joseph Tabone.

**2.3** Paġna Nru: 3 para 3.2 – Matul id-diskussjoni li saret dwar il-possibilta' jekk Triq Belvedere għandiex tingħata kisja t' *asphalt* mat-triq kollha minflok isiru rqajja, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill għandu jevalwa l-pożizzjoni finanzjara tiegħu qabel ma jikkommetti ruħu għal dawn ix-xogħlijiet.

**2.4** Paġna Nru: 6 – para 5.4 – il-Kunsillier Charles Micallef St. John xtaq ikun jaf l-eżitu dwar it-*Tender* tal-ġbir ta' l-iskart domestiku.

Iċ-*Chairman* informa li t-*tender* kien tlesta u ntbagħat lid-Dipartiment tal-kuntratti Għall-approvazzjoni rigward l-*GPP compliance*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li:

- t-*tender* għandha tiġi ppubblikata mmedjatament wara l-approvazzjoni tad-Dipartiment sopracitat
- l-ħlas dovut mall-ġbir tad-dokumenti mill-parteċipanti ser ikun ta' €100
- l-ħin tal-ġbir ta' l-iskart jista' jkun bejn it-08.00 u l-11.00 a.m jew bejn it-8.00 u l-11.00 p.m.
- tintbagħat ittra lil-istabbilimenti ndustrijali,ta' l-ikel u *hospitality* fil-lokalita' li l-kollettur tal-Kunsill ser ikun responsabbli biss tal-ġbir ta' l-iskart domestiku.

Għaldaqstant dawn għandhom jissupplixxu lill-Kunsill:

- b'kopja tal-ftehim privat għall-ġbir ta' l-iskart tagħhom
- il-ġranet u l-ħin tal-ġbir ta' l-iskart tagħhom

## 3. Korrispondenza

Ġiet ippreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sal-15 ta' Settembru 2014 kif ukoll ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu għall-ġranet li ġejjin.

Iċ-*Chairman* qara l-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom:

**3.1** Iċ-*Chairman* qara l-*Public Playground Inspection Report* mibgħut minn *NB Engineering Services Ltd.*

Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel unanimament li għandu jsir kuntatt mal-kuntrattur tal-Kunsill *J&K Contractors Ltd* biex flimkien mal-Viċi-Sindku ssir *site inspection* sabiex tingħata stima tal-manutenzjoni meħtieġa fil-*playing field.*

**3.2** Il-Kunsilliera Vincenza Attard u Joe Camilleri talbu biex jiġu skużati mill-laqgħa minħabba mpenn ieħor. Ħin 6.15 p.m.

**3.3** Rigward il-korrispondenza li ntbagħtet mis-Sinjura Maria Hilda Magro li toqgħod 178 Triq il-Flotta u li ġiet diskussa fil-laqgħa preċedenti, l-Viċi-Sindku qal li kien għamel *site inspection* u ġiet ordnata *bollard* biex il-vetturi ma jkunux jistgħu jipparkjaw fuq il-bankina.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.4** Iċ-*Chairman* qal li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-ħlasijiet Klg6/32 minn numru 1415 sa 1435 (*appendix* nru:1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda sopraċitata b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku Joe Galea.

## 5. Affarijiet Oħra

**5.1** Il-Kunsillier Charles Micallef St. John staqsa jekk il-Kunsill kienx ser jerġa jorganizza l-*Christmas Village.*

Iċ-*Chairman* wieġeb li hu kien jaqbel li din l-attivita' terġa' ssir pero' xtaq ikun jaf kemm kienet in-nefqa tas-sena l-oħra qabel ma jikkommetti ruħu.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**5.2** Il-Viċi-Sindku qal, li fi Triq Sir Patrick Stuart hemm tlett *manholes* tad-ditta *GO plc* u staqsa dwar il-possibilita' jekk tistax tiċċaqlaq waħda minnhom biex tkun tista' ssir *traffic calming measure* mitluba mir-residenti minħabba l-ilma tax-xita.

Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament li din il-materja għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**5.3** Il-Viċi-Sindku talab sabiex l-Impenn jibda jiġi ppubblikat ukoll fuq il-*website* tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**5.4** L-A/Segretarju Eżekuttiv informa li kien qed isibha ferm diffiċli biex jaqdi tajjeb id-dmirijiet tiegħu bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill tal-Gżira u dan minħabba kwantità ta' pressjoni ta' xogħol fil-Kunsill tiegħu. Għaldaqstant, hu kien ta' l-opinjoni li jintalab *replacement*.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li ċ-*Chairman* għandu jgħarraf lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar din il-materja.

Iċ-*Chairman* flimkien mal-membri tal-Kunsill preżenti rringrazzjaw lill-A/Segretarju Eżekuttiv – s-Sur Hugh Zammit tas-servizz li hu ta matul dawn l-aħħar sentejn u nofs.

**6. Laqgħa Oħra**

**6.1** Minħabba li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 06 t' Ottubru 2014 fil-5.00 p.m.

Roberto Cristiano
Sindku

Hugh Zammit
A/Segretarju Eżekuttiv